32007D0027

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Diċembru 2006

li tadotta ċerti miżuri tranżizzjonali rigward it-twassil ta' ħalib nej lill-istabbilimenti ta' proċessar u l-ipproċessar ta' ħalib nej fir-Rumanija fir-rigward tal-kundizzjonijiet tar-Regolamenti (KE) Nri 852/2004 u 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikat bid-dokument numru C(2006) 6963)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/27/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u partikolarment l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u partikolarment l-Artikolu 42 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel [1] li jistipula regoli speċifiċi għall-operaturi tan-negozju ta' l-ikel dwar l-iġjene ta' l-oġetti ta' l-ikel; ibbażati fuq analiżi tal-periklu u kontroll kritiku tal-punti prinċipali. Dan jipprevedi li l-operaturi tan-negozji ta' ikel għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet strutturali bbażati fuq dawn il-prinċipji. Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi regoli speċifiċi ta' iġjene għal ikel li joriġina [2] mill-annimali jissupplimenta r-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 852/2004. Ir-regoli stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 jinkludu kundizzjonijiet speċifiċi għall-istabbilimenti ta' l-ipproċessar tal-ħalib, kif ukoll kundizzjonijiet ta' iġjene fir-rigward ta' ħalib nej u prodotti tal-ħalib.

(2) Ir-Rumanija għandha tissieħeb mal-Komunità fl-1 ta' Jannar 2007. Bi preparazzjoni għal dik l-adeżjoni, l-istabbilimenti għall-ipproċessar tal-ħalib għaddejjin minn titjib strutturali meħtieġ sabiex jikkonformaw mal-kundizzjonijiet strutturali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 852/2004. Mill-2004 in-numru ta' stabbilimenti li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet strutturali tal-Komunità żdied minn 12 għal 123.

(3) Madankollu, l-proporzjon ta' ħalib nej li jikkonforma mal-kundizzjonijiet ta' l-iġjene, stabbiliti fir-Regolament 853/2004, imwassal lill-istabbilimenti ta' l-iproċċessar li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet strutturali tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 żdied biss bi ftit. Fl-2005 mit-total tal-produzzjoni ta' 5,6 Mio t ta' ħalib nej tal-baqra fis-sena, 0,38 Mio t ta' ħalib nej li jikkonforma biss ġie mwassal lill-istabbilimenti ta' proċessar tal-ħalib.

(4) Meta wieħed jieħu kont tas-sitwazzjoni korrenti, huwa adatt li jiġi provdut għall-miżuri tranżizzjonali fir-rigward ta' l-organizzazzjoni tas-settur tal-ħalib fir-Rumanija.

(5) F'dan ir-rigward, l-Anness VII, Kapitolu 5, Sottosezzjoni I, punt (c) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, jawtorizza temporanjament lil ċerti stabbilimenti għall-ipproċessar tal-ħalib li ma jikkonformawx mal-kundizzjonijiet strutturali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 852/2004 biex jirċievu twassil ta' ħalib nej li ma jikkonformax mal-kundizzjonijiet rilevanti ta' l-iġjene stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 ("ħalib li ma jikkonformax").

(6) L-ażjendi tal-produzzjoni tal-ħalib li ma jikkonformawx mal-kundizzjonijiet ta' l-iġjene stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u stabbilimenti li jipproċessaw il-ħalib li ma jikkonformawx mal-kundizzjonijiet strutturali stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 852/2004 huma mifruxa mat-territorju kollu tar-Rumanija. Għalhekk, ċerti stabbilimenti li jikkonfomraw jirċievu ħalib nej li jikkonforma mal-kundizzjonijiet rilevanti ta' l-iġjene stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 ("ħalib li jikkonforma") kif ukoll ħalib li ma jikkonformax. Għalhekk, il-bejgħ tal-prodotti finali mill-istabbilimenti li jikkonformaw għandu jkun ristrett għar-Rumanija. Barra minn hekk, lista ta' dawk l-istabbilimenti li jikkonformaw għandha tkun stabbilita f'din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1; verżjoni kkoreġġuta bil-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 3.

[2] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55; verżjoni kkoreġġuta bil-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 22. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1662/2006 (ĠU L 320, 18.11.2006, p. 1).

(7) Aktar minn hekk, ċerti stabbilimenti li jikkonformaw għandhom l-intenzjoni li jipproċessaw separatament ħalib li jikkonforma minn ħalib li ma jikkonformax. Huwa għalhekk neċessarju li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet fir-rigward tal-ġbir u t-trattament ta' ħalib simili u l-bejgħ tal-prodotti finali tiegħu. Lista ta' dawk l-istabbilimenti li jikkonformaw li jipproċessaw dawk iż-żewġ tipi ta' ħalib għandhom ukoll ikunu stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

(8) Il-perjodu tranżizzjonali mogħti għandu jkun limitat għal 18-il xahar. Is-sitwazzjoni tas-settur tal-ħalib fir-Rumanija għandha tiġi riveduta qabel it-tmiem ta' dak il-perjodu. Għalhekk huwa xieraq li r-Rumanija tissottometti rapporti annwali lill-Kummissjoni rigward il-progress ta' l-aġġornar tan-negozji li jipproduċu l-ħalib li jfornu ħalib nej lill-stabbilimenti li jikkonformaw.

(9) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Lista ta'stabbilimenti li jikkonformaw

Il-Kapitoli I u II ta' l-Anness għal din id-Deċiżjoni jistabbilixxi lista ta' stabbilimenti li jipproċessaw il-ħalib fir-Rumanija li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet strutturali tar-Regolament (KE) Nru 852, Anness II, Kapitolu II ("stabbilimenti li jikkonformaw") u huma awtorizzati biex jirċievu u jipproċessaw ħalib nej li ma jikkonformax mal-Kapitolu I Parti III, 3 u l-Kapitolu II Parti III tas-Sezzjoni IX ta' l-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004 (ħalib li ma jikkonformax).

Artikolu 2

Twassil ta' ħalib u proċessar li ma jikkonformax fi stabbilimenti li jikkonformaw elenkati f'Kapitolu I ta' l-Anness

1. l-istabbilimenti li jikkonformaw elenkati fil-Kapitolu I ta' l-Anness għal din id-Deċiżjoni jistgħu jirċievu u jipproċessaw ħalib nej li ma jikkonformax.

2. Sakemm l-istabbilimenti msemmija fil-paragrafu (1) jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu prodotti li joriġinaw minn stabbilimenti li jikkonformaw fil-Kapitolu I ta' l-Anness għandhom:

(a) ikunu mqiegħda biss fis-suq domestiku jew użati għal aktar proċessar fi stabbilimenti oħra li jikkonformaw elenkati fil-Kapitolu I ta' l-Anness, irrispettivament mid-data tal-bejgħ;

(b) iġibu fuqhom marka ta' identifikazzjoni differenti minn dik prevista fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru. 853/2004.

Artikolu 3

Twassil ta' ħalib li jikkonforma u li ma jikkonformax u proċessar fi stabbilimenti li jikkonformaw elenkati f'Kapitolu II ta' l-Anness

L-istabbilimenti li jikkonformaw elenkati f'Kapitolu II ta' l-Anness għal din id-Deċiżjoni jistgħu jirċievu u jipproċessaw ħalib nej li jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I, Parti III, 3 u l-Kapitolu II, Parti III tas-Sezzjoni IX ta' l-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004 ('ħalib li jikkonforma') u ħalib li ma jikkonformax fuq linji separati tal-produzzjoni sakemm l-operaturi tan-negozji ta' l-ikel ta' stabbilimenti simili:

(a) jikkonformaw ma' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004;

(b) juru l-kapaċità tagħhom li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin, inkluż jaħtru l-linji ta' produzzjoni separati:

(i) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jippermettu l-osservanza adegwata tal-proċeduri interni għas-separazzjoni tal-ħalib nej, mill-ġbir sa' l-istadju tal-prodott finali, inklużi l-itinerarji tal-ġbir tal-ħalib, il-ħżin separat u t-trattament ta' ħalib konformi mar-regoli ta' l-UE u ta' ħalib mhux konformi mar-regoli ta' l-UE, l-ippakkjar u t-tikkettjar speċifiċi ta' prodotti bbażati fuq ħalib li mhuwiex konformi mar-regoli ta' l-UE kif ukoll il-ħżin separat ta' tali prodotti,

(ii) jistabbilixxu proċedura sabiex tiġi żgurata r-rintraċċabbiltà tal-ħalib nej, inklużi l-prova dokumentarja meħtieġa tal-movimenti tal-prodotti u l-kontabilità għall-prodotti u l-korrispondenza tal-ħalib li huwa konformi u li mhuwiex konformi mal-kategoriji ta' prodotti tal-ħalib magħmula,

(iii) jesponu l-ħalib nej kollu għat-trattament termiku ta' temperatura minima ta' 71,7 °C għal 15-il sekonda;

(iv) jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jiżguraw li l-marki ta' identifikazzjoni msemmija fl-Anness II, Sezzjoni I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 ma jiġux użati b'mod qarrieqi.

Artikolu 4

Dmirijiet ta' l-awtoritajiet kompetenti fir-Rumanija fir-rigward ta' stabbilimenti li jikkonformaw elenkati fil-Kapitolu II ta' l-Anness

1. L-awtoritajiet kompetenti fir-Rumanija għandhom:

(a) jiżguraw li l-operaturi tan-negozji ta' l-ikel ta' stabbilimenti li jikkonformaw elenkati fil-Kapitolu II ta' l-Anness jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jippermettu osservanza sewwa tal-proċeduri interni għas-separazzjoni tal-ħalib nej u l-prodotti tal-ħalib;

(b) iwettqu testijiet u kontrolli għalgħarrieda fi stabbilimenti li jikkonformaw elenkati fil-Kapitolu II ta' l-Anness relatati ma' l-osservanza tagħhom tas-separazzjoni tal-ħalib nej u l-prodotti tal-ħalib;

(ċ) iwettqu testijiet f'laboratorji approvati fuq ħalib nej u prodotti lesti fi stabbilimenti li jikkonformaw elenkati fil-Kapitolu II ta' l-Anness għal din id-Deċiżjoni sabiex jivverifikaw il-konformità tagħhom mal-kundizzjonijiet tal-Kapitolu II tas-Sezzjoni IX għall-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004, inkluż il-kriterji mikrobijoloġiċi għall-prodotti tal-ħalib.

2. Il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib li joriġinaw minn stabbilimenti li jikkonformaw elenkati fil-Kapitolu II ta' l-Anness proċessati minn ħalib li ma jikkonformax jistgħu jitqiegħdu biss fis-suq domestiku jew użati għal aktar proċessar fi stabbilimenti oħra simili jew stabbilimenti elenkati fil-Kapitolu I u għandu jkollhom marka ta' identifikazzjoni differenti minn dawk provduti fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

3. Huma biss il-prodotti tal-ħalib, magħmula fi stabbilimenti tal-ħalib li jikkonformaw u elenkati fil-Kapitolu II ta' l-Anness għal din id-Deċiżjoni u li jikkonformaw mal-paragrafi I ta' dan l-Artikolu u l-kundizzjonijiet ta' l-Anness III, Sezzjoni IX tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, li jistgħu jinbigħu bħala prodotti li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Konformità u rapporti

1. Ir-Rumanija għandha tiżguraw konformità gradwali mill-ażjendi fejn jiġi prodott il-ħalib, imsemmija fl-Artikolu 2(1) ta' din id-Deċiżjoni, mal-kundizzjonijiet ta' l-Anness III, Sezzjoni IX, Kapitolu I, partijiet II u III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

2. Ir-Rumanija għandha tissottometti lill-Kummissjoni rapporti annwali dwar il-progress li jkun sar fit-titjib tal-livell ta' dawn l-azjendi li jagħmlu prodotti tal-ħalib u tas-sistema tal-ġbir tal-ħalib.

Artikolu 6

Il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib prodotti skond id-disposizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 3 u 4 tad-Deċiżjoni preżenti għandhom jingħataw sostenn taħt it-Titolu I, Kapitoli II u III, minbarra l-Artikolu 11, u t-Titolu II tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999 [1] jekk ikollhom il-marka ta' identifikazzjoni ta' forma ovali msemmija fl-Anness II, Sezzjoni I, tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Artikolu 7

Applikabilità

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika soġġetta għal u mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija.

Dan għandu jkun applikabbli sat-30 Ġunju 2008.

Artikolu 8

Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 160, 26.6.1999, p. 48. Ir-Regolament hekk kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).

ANNESS

KAPITOLU I

Lista ta' stabbilimenti li jipproċessaw il-ħalib 'b'konformità mal-kundizzjonijiet strutturali tal-Komunità awtorizzati li jirċievu u jipproċessaw mingħajr separazzjoni ħalib li jikkonforma u li ma jikkonformax

1	AR 473	SC Octavian Impex SRL	Dezna, Kontea ta' Arad, 317110
2	BT 17	SC Spicul 2 SRL	Dorohoi, Kontea ta' Botosani, 715200
3	BT 176	SC Lacto Solomonescu SRL	Miron Costin, Kontea ta' Botosani, 717466
4	BR 24	S.C. Lacta Prod SRL	Braila, Kontea ta' Braila, 810224
5	CJ 7879	SC Comlact SRL	Corusu, Kontea ta' Cluj, 407056
6	DB 59	SC Industrializarea Laptelui SA	Targoviste, Kontea ta' Dambovita, 130062
7	NT 241	SC Pro Com Pascal SRL	Pastraveni, Kontea ta' Neamt, 617300
8	NT 556	SC Stefanos SRL	Trifesti, Kontea ta' Neamt, 617475
9	SB 237	SC Carpalat SRL	Mandra, Kontea ta' Sibiu, 557124
10	SB 298	SC Gefa Impex SRL	Talmaciu, Kontea ta' Sibiu, 555700
11	L 56	SC Camy Lact SRL	Panaci-Vatra Dornei, Kontea ta' Suceava, 727405
12	VN 25	SC Vitaprod SRL	Dumitresti, Kontea ta' Vrancea, 727110
13	BC 4826	S.C. Marlact SRL	Buhoci, Kontea ta' Bacau, 607085
14	BH 4646	SC Abacus Trade SRL	Toboliu, Kontea ta' Bihor, 417273
15	BH 2980	SC Cîmpaneii Prest SRL	Mierlău, Kontea ta' Bihor, 417277
16	BT 342	SC Indagrovet SRL	Coţuşca, Kontea ta' Botosani, 717090
17	BT 240	SC Geny Com SRL	Vf. Câmpului, Kontea ta' Botosani, 717450
18	BT 205	SC Cicos SRL	George Enescu, Kontea ta' Botosani, 717170
19	BR 215	S.C. Android Trading SRL	Maxineni, Kontea ta' Braila, 817090
20	BZ 0627	SC Ianis Cos Lact SRL	C.A. Rosetti, Kontea ta' Buzau, 127120
21	BZ 0298	SC Camen Tas SRL	Smeeni, Kontea ta' Buzau, 127595
22	CJ 4185	SC Bonas Import Export SRL	Dezmir, Kontea ta' Cluj, 407039
23	CV 56	SC Milk COM SRL	Saramas, Kontea ta' Covasna, 527012

24	CV 690	SC Mark SRL	Brates, Kontea ta' Covasna, 527050
25	CV 234	SC Zugo SRL	Belin, Kontea ta' Covasna, 527030
26	HR 383	S.C. Lactate Harghita SA	Cristuru Secuiesc, Kontea ta' Harghita, 535400
27	HR 70	S.C. Primulact SRL	Miercurea Ciuc, Kontea ta' Harghita, 530242
28	NT 607	S.C. D. A Secuieni	Secuieni, Kontea ta' Neamt, 617405
29	OT 2836	SC Bourella Maris SRL	Babiciu, Kontea ta' Olt, 237015
30	PH 6448	SC Rusara Prodcom SRL	Valea Calugareasca, Kontea ta' Prahova, 107620
31	PH 212	S.C. Vitoro SRL	Ploiesti, Kontea ta' Prahova, 100537
32	PH 6067	S.C. Zoe Gab SRL	Fulga, Kontea ta' Prahova, 107260
33	SJ 52	SC Sanolact	Maeriste, Kontea ta' Salaj, 457235
34	SV 4162	SC Malinul SRL	Malini, Kontea ta' Suceava, 727350
35	SV 5355	SC Lacto Zaharia	Frumosu, Kontea ta' Suceava, 727260
36	SV 6394	SC Martin's European Food Products Comimpex SRL	Bosanci, Kontea ta' Suceava, 727045
37	TL 1328	SC Izacos Lact SRL	Topolog, Kontea ta' Tulcea, 827220
38	VN 35	SC Monaco SRL	Vrâncioaia, Kontea ta' Vrancea, 627445
39	AG 6	SC Bradet SRL	Bradulet, Kontea ta' Arges, 117145
40	L 57	SC Hochland Romania SRL	Sovata, Kontea ta' Mures, 545500
41	AG 4	S.C. Dincudana SRL	Bradu, Kontea ta' Arges, 117148
42	BH 1705	SC Dorlact SRL	Beznea, Kontea ta' Bihor, 417081
43	CS 116	SC Fabrica de Produse Lactate	Oravita, Kontea ta' Caras Severin, 325600
44	NT 900	S.C. Complex Agroalimentar SRL	Bicaz, Kontea ta' Neamt, 615100
45	TL 965	SC Mineri SRL	Mineri, Kontea ta' Tulcea, 827211
46	CJ 41	SC Kazal SRL	Dej, Kontea ta' Cluj, 405200
47	L 40	SC Napolact SA	Huedin, Kontea ta' Cluj, 405400
48	SM 3876	S.C. Schwaben Molkerei	Carei, Kontea ta' Satu Mare, 445100

KAPITOLU II

Lista ta' stabbilimenti li jipproċessaw il-ħalib'b'konformità mal-kundizzjonijiet strutturali tal-Komunità awtorizzati li jirċievu u jipproċessaw separatament ħalib li jikkonforma u li ma jikkonformax

1	AB 3508	SC Unichim Romania SRL	Unirea, Kontea ta' Alba, 517785
2	L 81	SC Raraul SA	Campulung Moldovenesc, Kontea ta' Suceava, 725100
3	AG 5	S.C. Lactag SA Fabrica Costesti	Costesti, Kontea ta' Arges, 115200
4	BC 6100	SC Depcoinf MBD SRL	Targu Trotus, Kontea ta' Bacau, 607630
5	BT 60	SC Five Continents Group SRL	Rachiti, Kontea ta' Botosani, 717310
6	BR 65	S.C. Brailact SRL	Braila, Kontea ta' Braila, 810224
7	L 35	S.C. Danone PDPA Romania SRL	Bucuresti, 032451
8	CT 30	SC Niculescu Prod SRL	Cumpana, Kontea ta' Constanta, 907105
9	CT 15	SC Nic Costi Trade SRL	Dorobantu, County Constanta, 907211
10	L 9	SC Covalact SA	Sfantu Gheorghe, Kontea ta' Covasna, 520076
11	L 22	SC Dorna Lactate SA	Dorna Candrenilor – Floreni, Kontea ta' Suceava, 727190
12	L 53	S.C. Friesland România SA	Carei, Kontea ta' Satu Mare, 445100
13	TR 78	SC Interagro SRL	Zimnicea, Kontea ta' Teleorman, 145400
14	VS 2196	SC Ilvas SA	Vaslui, Kontea ta' Vaslui, 730040
15	SV 001	SC La Dorna Agri SA	Dorna Candreni, Kontea ta' Suceava, 727190
16	SV 6352	SC La Dorna Chesse SA	Dorna Arini, Kontea ta' Suceava, 727200
17	BH 5206	SC Prolacta SRL	Copacel, Kontea ta' Bihor, 417205
18	BZ 0098	SC Meridian Agroind	Ramnicu Sarat, Kontea ta' Buzau, 125300
19	CT 299	SC Nascu SRL	Indepenta, Kontea ta' Constanta, 907145
20	CT 294	SC Suflaria Import Export SRL	Cheia, Kontea ta' Constanta, 907277
21	MM 4758	SC Milk-Humana SRL	Baia Mare, Kontea ta' Maramures, 430306
22	MM 521	SC Oblaza SRL	Birsana, Kontea ta' Maramures, 437035
23	MM 725	SC Avi Seb Impex SRL	Tirgu Lapus, Kontea ta' Maramures, 435600
24	TL 855	SC Deltalact SA	Tulcea, Kontea ta' Tulcea, 820009